**Nru. 283**

**INTERCONNECT (MALTA)**

**Ħatra fuq il-Bord tad-Diretturi**

NGĦARRFU b’din illi skont l-Artikolu 5.1 tal-Artikli tal-Assoċjazzjoni ta’ Interconnect (Malta) inħatret Dott. Bryony Balzia Bartolo bħala Segretarja fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija b’seħħ mit-23 ta’ Frar, 2024 sas-6 ta’ Novembru, 2024.

Is-27 ta’ Frar, 2024

**No. 283**

**INTERCONNECT (MALTA)**

**Appointment on the Board of Directors**

IT is hereby notified that in terms of Article 5.1 of the Articles of Association of Interconnect (Malta) has appointed Dr Bryony Balzia Bartolo as a Secretary on the Board of Directors of the Company with effect from 23rd February, 2024, until 6th November, 2024.

27th February, 2024

**Nru. 284**

**PERSUNI LI GEW IPPRIVATI MIC-CITTADINANZA MALTIJA**

IL-LISTA li ġejja ta’ persuni li ġew ipprivati miċ-ċittadinanza Maltija bejn l-1 ta’ Jannar, 2024 u t-23 ta’ Frar, 2024, hija ppublikata għall-informazzjoni ta’ kulħadd skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 188.07.

**No. 284**

**PERSONS DEPRIVED OF MALTESE CITIZENSHIP**

THE following list of persons who have been deprived of Maltese citizenship from 1st January, 2024 until 23rd February, 2024, is being published for general information in accordance with the provisions of regulation 4 of Subsidiary Legislation 188.07.

| Isem<br>*Name* | Kunjom<br>*Surname* |
|---|---|
| Cherryl Gitanes | Baguio |

L-1 ta’ Marzu, 2024

1st March, 2024

**Nru. 285**

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIGENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR**

**Sejħa għall-Offerti (ITB) għal Appoġġ Finanzjarju għall-Elettriku minn Stallazzjonijiet li jipproduċu Elettriku minn Sorsi ta’ Enerġija li Jiġġeddu b’Kapaċità minn 40kWp sa inqas minn 1000kWp**

SABIEX ikompli jinkoraġġixxi l-użu aħjar tal-enerġija li qed tiġi ġġenerata minn sorsi ta’ enerġija li jiġġeddu fil-pajjiż, u skont ir-regolament 5 Regolamenti dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi għal Stallazzjonijiet li Jipproduċu l-Elettriku minn Sorsi ta’ Enerġija li Jiġġeddu (L.S. 545.39), il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir (‘l-Awtorità Kontraenti’) qed iħabbar it-tnedija tal-proċessi għas-Sejħiet għall-Offerti (ITB) għall-għoti ta’ appoġġ finanzjarju għall-elettriku ġġenerat Stallazzjonijiet ġodda li jipproduċu Elettriku minn Sorsi ta’ Enerġija li Jiġġeddu b’kapaċità minn 40kWp sa inqas minn 1000kWp.

Dan l-Avviż tal-Gvern jipprovdi għal erbgħa(4) sejħiet (ITB) għall-allokazzjoni ta’ għajnuna fuq l-elettriku

**No. 285**

**MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY, AND REGENERATION OF THE GRAND HARBOUR**

**Invitation to Bid (ITB) for Financial Support for electricity from Installations Producing Electricity from Renewable Sources with Capacity from 40kWp up to less than 1000kWp**

IN order to further encourage the better use of the energy being generated from renewable energy sources by the country, and in terms of regulation 5 of the Competitive Bidding Rules for Installations Producing Electricity from Renewable Energy Sources Regulations (S.L. 545.39), the Ministry for the Environment, Energy, and Regeneration of the Grand Harbour (‘Contracting Authority’) is announcing the launch of the Invitation to Bid (ITB) processes for the award of financial support for electricity from new Installations producing electricity from with a capacity from 40kWp up to less than 1000kWp.

This Government Notice provides for four (4) invitation to Bid (ITB) calls for the allocation of aid for electricity

ġġenerat minn Sorsi ta' Enerġija li jiġġeddu b' kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni minn 40kW sa inqas minn 200kW, u minn 200kW sa inqas minn 1000kW rispettivament; b' kull sejħa għall-allokazzjoni tal-għajnuna tinkludi sejħa għal kull wahda miż-żewġ kategoriji biż-żewġ ITBs jinżammu fl-istess żmienijiet kif ġej u skont din l-iskeda li ġejja:

produced from renewable energy generation capacities from 40kW up to less than 200kW and from 200kW up to less than 1000kW, respectively; with each of these calls consisting of an ITB for each of the two categories with both ITBs running concurrently and in accordance with the following schedule:

| **Sejħa ITB** *ITB Call* | **Data tal-bidu/ftuħ għas-sottomissjoni tal-offerti** *Start Date for the Submission of Bids* | **Data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti** *Closing Date for the Submission of Bids* |
|---|---|---|
| Sejħa Nru 1 *Call No 1* | Il-Ġimgħa, 26 ta' April, 2024 *Monday, 17th June, 2024* | Il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju, 2024 *Friday, 3rd May, 2024* |
| Sejħa Nru 2 *Call No 2* | It-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2024 *Monday, 17th June, 2024* | It-Tnejn, 24 ta' Ġunju, 2024 *Monday, 24th June, 2024* |
| Sejħa Nru 3 *Call No 3* | It-Tnejn, 26 ta' Awissu, 2024 *Monday, 26th August, 2024* | It-Tnejn, 2 ta' Settembru, 2024 *Monday, 2nd September, 2024* |
| Sejħa Nru 4 *Call No 4* | It-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2024 *Monday, 4th November, 2024* | It-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2024 *Monday, 11th November, 2024* |

Sabiex tiġi żgurata l-proċedura ta' offerti kompetittiva, il-Gvern iddeċieda li l-kapaċita' li se tkun disponibbli għall-allokazzjoni ta' għajnuna fis-sejħiet u f' kull kategorija, se tkun il-medja tal-kapaċitajiet totali tal-offerti validi mitfugħa u miftuħa fl-iktar tliet sejħiet riċenti suċċessivi fil-kategorija rispettiva, imnaqqsa b' 10%. Il-kapaċita' disponibbli għall-allokazzjoni ta' għajnuna, hekk ikkalkulat, se tkun ippublikata fid-dokument tal-ITB ta' kull sejħa rispettiva. Il-Gvern jista' jirrevedi l-metodoloġija wżata għall-kalkolu tal-kapaċitajiet disponibbli għall-allokazzjoni tal-għajnuna. Fi kwalunkwe każ il-kapaċità totali disponibbli għall-ITBs taħt din l-iskema għas-sena 2024 ma għandhiex taqbeż il-15MW.

In order to ensure a competitive bidding procedure, the Government has decided that the capacity to be made available for the allocation of aid for the calls and for each category shall be the average of the total capacities of valid bids received and opened in the most recent successive three bidding sessions for the respective category, less 10%. The capacity available for the allocation of aid so calculated shall be published in the ITB document of the respective Call. Government may revise the methodology used for the calculation of capacities made available for the allocation of aid. In any case the total capacity made available for ITBs under this scheme for the year 2024 shall not exceed 15MW.

L-offerti għandhom isiru strettament bl-emejl lil procurement@rews.org.mt u se jintlaqgħu mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma li se jamministra dan il-proċess tal-offerti f'isem l-Awtorità Kontraenti, skont il-perjodi ta' żmien stabbiliti f'dan l-Avviż tal-Gvern u kif iddettaljat fid-dokument tal-ITB għal kull sejħa għall-offerti. L-offerenti magħżula huma meħtieġa li jiffirmaw kuntratt mal-Awtorità Kontraenti.

Offers are to be made strictly by email to procurement@rews.org.mt and will be received by the Regulator for Energy and Water Services, which will administer this bidding process on behalf of the Contracting Authority, in accordance with the time frames established in this Government Notice and as detailed in the ITB document for each call for bids. The selected bidders are required to sign a contract with the Contracting Authority.

Is-suġġett tal-emejl bl-offerta għandu jkun immarkat b'mod ċar skont l-istruzzjonijiet fid-dokument ITB. L-emejl procurement@rews.org.mt għandu jintuża biss għas-sottomissjoni tal-offerti, filwaqt li l-emejl regulator@rews.org.mt għandu jintuża għal kwalunkwe korrispondenza oħra relatata mal-ITBs.

The subject of the email containing the offer shall be clearly marked in accordance with the instructions in the ITB document. The email procurement@rews.org.mt shall be used only for the submission of offers and the email regulator@rews.org.mt shall be used for any other correspondence related to the ITBs.

L-Informazzjoni għar-rigward ta' laqgħat ta' kjarifiki fir-rigward tal-ITBs skedati se tiġi ppubblikata flimkien mad-dokumenti rispettivi tal-ITB. Id-dokument ta' Sejħa Nru 1 se jiġi ippubblikat nhar l-1 ta' Marzu 2024. Id-Dokument

The information regarding clarifications meetings with respect to the scheduled ITBs will be published together with the respective ITB documents. The ITB document for Call 1 will be published on the 1st March 2024. ITB documents for

tal-ITBs għas-sejħiet suċċessivi se jiġu ippublikati tmien(8) ġimgħat qabel id-data tal-ftuħ tal-perjodi ta' sottomissjoni tal-offerti rispettivi.

Id-dokumenti tal-offerta, il-minuti tal-laqgħa ta' kjarifiki u l-fajls relatati kollha se jiġu ppubblikati fuq (https://www.rews.org.mt/#/en/tenders/224).

Il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir jirriżerva d-dritt li jirrifjuta anke l-iktar offerta vantaġġuża.

Il-Gvern jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew jemenda dan l-Avviż tal-Gvern, minn żmien għal żmien, kif meħtieġ fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu stess.

L-1 ta' Marzu, 2024

successive calls will be published eight(8) weeks prior to the start of the respective bids submission period.

The bid documents, clarification meeting minutes, and all related files will be published on (https://www.rews.org.mt/#/en/tenders/224).

The Ministry for the Environment, Energy and Regeneration of the Grand Harbour reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

The Government reserves the right to revise or amend this Government Notice from time to time as necessary in its own absolute discretion.

1st March, 2024

**Nru. 286**

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR**

**Sejħa għall-Offerti (ITB) għal Appoġġ Finanzjarju għall-Elettriku minn Stallazzjonijiet li Jipproduċu l-Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu b' kapaċità ta' 1000kW jew aktar**

SABIEX ikompli jinkoraġġixxi l-użu aħjar tal-enerġija li qed tiġi ġġenerata minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fil-pajjiż, u skont ir-regolament 5 tar-Regolamenti dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi għal Stallazzjonijiet li Jipproduċu l-Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu (L.S.545.39), il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir ('l-Awtorità Kontraenti') qed jgħarraf illi:

Minn nofsinhar tas-26 ta' April, 2024 sa nofsinhar tat-3 ta' Mejju, 2024, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, li se jamministra dan il-proċess tal-offerti f'isem l-Awtorità Kontraenti, se jkun qiegħed jilqa' offerti għal:

Avviż Nru. MEER/ITB/03/2024 – Sejħa għall-Offerti għal għajnuna Finanzjarja għall-Elettriku minn Stallazzjonijiet li Jipproduċu l-Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li jiġġeddu b'kapaċita ta' 1000kW jew aktar.

Qiegħda tiġi offruta kapaċità totali ta' 38,000kW.

L-offerti għandhom isiru strettament bl-emejl lil ITBMWplus@rews.org.mt. Is-suġġett tal-emejl bl-offerta għandu jkun immarkat b'mod ċar skont l-istruzzjonijiet fid-dokument tal-ITB. L-emejl ITBMWplus@rews.org.mt għandu jintuża biss għas-sottomissjoni tal-offerti, filwaqt li l-emejl regulator@rews.org.mt għandu jintuża għal kwalunkwe korrispondenza oħra relatata mal-ITBs.

**No. 286**

**MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY, AND REGENERATION OF THE GRAND HARBOUR**

**Invitation to Bid (ITB) for Financial Support for Electricity from Installations Producing Electricity from Renewable Energy Sources with a Capacity equal to or larger than 1000kW**

IN order to further encourage the better use of the energy being generated from renewable energy sources by the country, and in terms of regulation 5 of the Competitive Bidding Rules for Installations Producing Electricity from Renewable Energy Sources Regulations (S.L.545.39), the Ministry for the Environment, Energy, and Regeneration of the Grand Harbour ('Contracting Authority') notifies that:

From noon of 26th April, 2024 to noon of 3rd May, 2024, the Regulator for Energy and Water Services, who will administer this bidding process on behalf of the Contracting Authority, will be receiving offers for:

Advt No. MEER/ITB/03/2024 - Invitation to bid (ITB) for Financial Support for Electricity from Installations Producing Electricity from Renewable Energy Sources with a Capacity equal to or larger than 1000kW.

The total capacity offered is 38,000kW.

Offers are to be made strictly by email to ITBMWplus@rews.org.mt. The subject of the email containing the offer shall be clearly marked in accordance with the instructions in the ITB document. The email ITBMWplus@rews.org.mt shall be used only for the submission of offers and the email regulator@rews.org.mt shall be used for any other correspondence related to the ITBs.